KUNSILL LOKALI
M O S T A
LOCAL COUNCIL

Laqgħa Numru 32 **It- Tlieta 6 t' Ottubru 2026**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:03pm ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Joseph Gatt – Sindku
Keith Cassar – Viċi Sindku
Chris Grech – Minority Leader
Thomas De Martino – Kunsillier (daħal għal- laqgħa fis-18:50)
Michaela Ann Bayliss – Kunsillier (daħlet għal- laqgħa fis-18:22)
Sammy Mallia – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier (daħlet għal- laqgħa fis- 18:06)
Rachel Abela – Kunsillier
Andre Buhagiar- Kunsillier (daħal għal- laqgħa fis- 18:05, telaq fit- 20:12)
Aiken Zerafa - Kunsillier (daħal għal- laqgħa fis- 18:20)
Chantelle Portelli- Kunsillier
Charles Schembri- Kunsillier
Danny Farrugia - Kunsillier

ASSENTI b' APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):
Nil.

ASSENTI:
Nil.

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Jeremy Bartolo – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Joseph Gatt ippreseda l-laqgħa.

32.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma rċieva ebda notifika mingħand il-Kunsillieri.

32.2 Kunsiderazzjoni tal-Minuti Nru. 30 u 31

32.2.1 Korrezzjonijiet mill-Minuti Nru. 30

Ma kien hemm ebda korrezzjoni u għaldaqstant, Il-Minuti Nru. 30 ġew approvati nem. con.

32.2.2 Aġġornamenti mill-Minuti Nru. 30

25.5.6 – Skema SPI/SCI/01/2026 (Festa Qargħasel)

Il-Festa Qargħasel saret fit-13 ta' Settembru fejn is-Sindku stqarr illi kienet tajba ħafna u rringrazzja lill-Kunsillier Michaela Ann Bayliss li ħadmet sabiex l-attività kienet suċċess. Kien hemm attendenza rekord minkejja t-temp instabbli u dan kompla jħeġġeġ lil Kunsillieri sabiex jibqgħu jgħollu l- livell u investiment f'din l-attivita.

27.4.2 – Kunsillier Grech – Infurzar tal-LESA

Is-Sindku stqarr li saret laqgħa mar-REO l-ġdida tal-LESA assenjata għal fuq il- Mosta, kif ukoll mal-community police, fejn ġew diskussi passi konkreti għat-tneħħija ta' vetturi abbandunati. Huwa semma wkoll il-ħtieġa li jsir kuntatt mal-klinika sabiex il-permessi tat-tobba jiġu fformalizzati minflok ma tintuża sempliċiment karta miktuba b'"doctor on call" sabiex jitnaqqas il- lok għall- abbuż.

Il-Kunsillier Aiken Zerafa rċieva ċitazzjoni fil-parkeġġ riżervat għall-Kunsill fejn id- *day centre*, għat-tieni darba. Il-Kunsillieri rrekomendaw li l-Kunsillier Zerafa jikkontesta ċ-ċitazzjoni peress li kien ipparkjat sewwa filwaqt li l- Kunsill irid ikun ċar fil- komunikat tiegħu mal- LESA

28.3.4 – Vjal Qalbiena Mostin

Is-Sindku informa lill-Kunsillieri li hu u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa fuq is-sit ma' rapreżentanti ta' Transport Malta, flimkien mal-persuna li fetħet l-ilment mal-Ombudsman, fejn deher li ser ikun hemm bżonn aġġornament ħolistiku fil-pjan tat-traffiku għat-triq sħiħa. Fl-immedjat ser jiġu nstallati d- dwal solari li nsterqu minn ħdejn iż-żebra *crossings* kif ukoll nġibu l-istimi sabiex il- belishas li hemm jiġu jaħdmu b' mod permanenti. Il- Kunsill huwa f' komunikat mal-IM sabiex ir- *road humps* isiru tal- asfalt flok li hemm preżenti skond l-ispeċifikazzjonijiet tat- TM approvati fl- 2022.

28.4.5 – Pont il-Kbir

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsillieri li l-ilment intbagħat lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, li min-naħa tiegħu għadda l-ilment lil Project Green sabiex titneħħa t-tina. Il-Kunsill irrimarka li hemm bżonn isir assessjar totali tal-pont, iżda għadu ma ġie rċevut ebda aġġornament.

28.4.8 – Pjazza Mitħna

Is-Sindku qal li x-xogħol wasal fi tmiemu u baqa' biss xi biċċiet ta' xogħol finali u l-bollards, sabiex jiġi evitat l-ipparkjar illegali fil-parti miftuħa tal-ġnien. Is-Sindku nforma lil-Kunsillieri preżenti illi ta ultimatum lill-kuntrattur sas-7 ta' Novembru 2026, data li fiha l-ġnien ser jinfetaħ uffiċjalment.

30.3.2 – ERA – Belvedere

Is- Sindku nforma illi saret laqgħa mal-ERA sabiex joħroġ it-tender tal- Belvedere tal-ġibjun ta' Ġnien l-Għarusa tal-Mosta fejn bħalissa qed isiru preparamenti sabiex il-Perit tal-Kunsill jikkonferma l-ispeċifikazzjonijiet tad-dokumentazzjoni tat-tender sabiex dan jiġi ppublikat fuq l-EPPS.

30.3.3 – Ġibjun ta' Mlit

Is-Sindku nforma illi saret laqgħa fuq is-sit mal-Ministru Zerafa Civelli, is-Segretarju Permanenti, is-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv, il-kuntrattur, il-Perit Ellul tal-MTIP u l-Kunsillieri, fejn ġew mħabbra il- bidu tax- xogħolijiet infrastrutturali fuq il- ġibjun. Il- Kunsillieri proponew illi jintbgħatu ittri lir-residenti taż- żona sabiex jkunu nfurmati bil-pjan ta' ħidma fir-rigward ta' dan il- Proġett. Is- Segretarju Eżekuttiv stqarr illi dawn l-ittri ser joħorġu minnufih.

30.4.3 – Kunsillier Farrugia – Titjib fir-reception

Il-Kunsillier Farrugia informa li l-kors tas-smigħ għall-istaff, li ppropona fil-laqgħa li għaddiet, ser jinżamm *on hold* u ser jgħati aġġornament fuqu fil- futur qarriebi.

30.5.1 – Traffic Management Report

Waqt il- laqgħat ta' Konsultazzjoni, kien hemm residenti li leħħnu dwar il-pjan propost għall-immaniġġjar tat-traffiku fiż-żona ta' Triq il-Kulleġġ, Triq E. B. Vella u Triq il-Farinal.

Il-proposta tar-residenti:

- **Triq il-Kulleġġ:** Direzzjoni waħda (one-way) 'il fuq lejn Ħtajriet.
- **Triq E. B. Vella:** Direzzjoni waħda (one-way) 'l isfel tul it-triq kollha.
- **Triq il-Farinal:** Direzzjoni waħda (one-way) 'il fuq lejn Ħtajriet.

Il-pożizzjoni tal-Kunsill Lokali:

- **Triq E. B. Vella:** Tibqa' b'żewġ direzzjonijiet (two-way) għalissa, skont il-qbil milħuq mill-Kunsill.
- **Triq il-Kulleġġ u Triq il-Farinal:** Isiru b'direzzjoni waħda (one-way) 'il fuq lejn Ħtajriet.
- **Triq ir-Rimona u Triq il-Bergamott:** Jibqgħu jservu bħala toroq ta' *buffer* sabiex jiffaċilitaw iċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku fiż-żona.

Triq it-Tengħud tax-Xagħri – Miżuri għall-Immaniġġjar tat-Traffiku

Wara diskussjoni mar-residenti, intlaħaq qbil sabiex jiġu implimentati miżuri intiżi biex itejbu s-sigurtà u l-aċċessibbiltà fi Triq it-Tengħud tax-Xagħri.

Ġie maqbul li fl-erba' kantunieri tal-junctions ma' Triq il-Kaħwiela u Triq l-Għansal Ikħal jiġu installati bollards, li jestendu madwar nofs metru 'l barra, flimkien ma' linji sofor doppji (*double yellow lines*), sabiex jiġi evitat parkeġġ li jostakola l-viżibbiltà u l-manuvrar tal-vetturi.

Barra minn hekk, fil-junction bejn Triq it-Tengħud tax-Xagħri u Triq San Pawl tal-Qliegħa, ġie maqbul li titneħħa l-ewwel spazju għall-parkeġġ u minfloku jiġu mmarkati linji sofor doppji. Din il-miżura għandha l-għan li jinħoloq spazju adegwat sabiex il-vetturi li jkunu telgħin u neżlin ikunu jistgħu jċedu lil xulxin, u b'hekk titjieb iċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku u titnaqqas il-possibbiltà ta' konġestjoni.

Implimentazzjoni u evalwazzjoni tal-pjan

Il-Kunsill Lokali ser jipproċedi bl-implimentazzjoni tal-pjan propost minnu fuq bażi ta' prova (*trial*), b'mod gradwali u f'fażijiet differenti, sabiex ikun jista' jiġi evalwat l-impatt ta' kull bidla fuq iċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku fiż-żona.

Matul dan il-perjodu, ser issir analiżi tal-effettività tal-miżuri introdotti, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-flus tat-traffiku, is-sigurtà fit-toroq u l-impatt fuq ir-residenti.

Abbażi tar-riżultati ta' din l-analiżi, il-Kunsill ikun jista' jiddetermina jekk humiex meħtieġa aġġustamenti ulterjuri qabel ma l-pjan jiġi adottat b'mod permanenti.

32.2.3 Korrezzjonijiet tal-Minuti Nru. 31

Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-Minuti Nru. 31, għaldaqstant, il- Minuti 31 ġew approvati nem. con.

32.2.4 Aġġornamenti mill-Minuti Nru. 31

Fir- rigward ta' Jum il- Mosta fis- 16 ta' Settembru 2026, is-Sindku stqarr li kienet attività tajba ħafna u li kien kuntent bis-sens ta' komunità li kien hemm fil-jum ta' ċelebrazzjoni tar-raħal. Irringrazzja lil- Viċi Sindku illi ħa ħsieb l- organizazzjoni.

18:40 Is- Sindku ppropona sospensjoni tal- laqgħa sabiex jiġi diskuss punt 32.5.1

32.5.1 Quarterly Report 1-2026

L- Accountant ta rendikont tal-ewwel kwart tal-2026. Minn Jannar sa Marzu 2026 kien hemm surplus ta' €17,627. Id-dejn jammonta għal €950,000. Jibqa' meħtieġ ftehim ċar dwar kif ser jiġi deċiż l-użu tal-fondi li ngħataw mid- DLG. L-accounts tal-ewwel kwart (Q1) tal-2026 ġew approvati nem. con. Rapporti Q2 u Q3 jiġu preżentati fil- laqgħat li ġejjin.

32.3 Komunikazzjoni / Korrispondenza mis-Sindku

32.3.1 Roundabout tas-Subaru

Is-Sindku qal li rranġa ma' Ambjent Malta biex jirranġaw dan ir-roundabout sad-29 ta' Novembru 2026 minħabba Vjal Qalbiena Mostin, fejn ser jitħawlu pjanti u arbuxelli baxxi adegwati għal min qed isuq.

32.3.2 Etienne Magri

Ġiet diskussa l-problema taċ-ċertifikazzjonijiet tar-roadworks, fejn il- Perit Etienne Magri bagħat invoice bi prezzijiet differenti minn dawk stabbiliti fil-kuntratt, b' rata ta' kull siegħa minflok percentaġġ. It-tender tal-perit huwa skadut u għaldaqstant, il-kuntratt ma jistax jiġi infurzat. It-tenders jieħdu l-ħin, u għalhekk ġie propost illi joħroġ tender ġdid. Jekk ma jkunx hemm qbil fuq ir-rati stabbiliti, il-Kunsillieri preżenti kollha qablu li jkun hemm call for quotations għal perjodu ta' sitt xhur. Is- Sindku stqarr illi ser ninformaw il- Perit b' dan l-aġġornament u l-eżitu jerġa jkun komunikat mal- Kunsill.

32.3.3 Christian Borg – Triq iż-Żnuber

Is-Sindku qara petizzjoni mingħand ir-residenti ta' Triq iż-Żnuber dwar problemi ta' skart domestiku li jitħalla barra, kif ukoll l-ittra għall-attenzjoni tal-Kunsill. Ir-residenti f'Triq iż-Żnuber huma tlieta; għaldaqstant jidher li l-20 firma miġbura mhumiex ta' residenti diretti.

Is-Sindku ppropona li ssir laqgħa mal-Ministru, bil-qbil tal-Kunsillier De Martino, fejn jiġu diskussi it- termini taż-żona tal- INDIS u t-tkabbir taż-żona li hija taħt ir-responsabbiltà tagħhom, peress li hemm ħafna nuqqasijiet u l-Kunsill ma jistax jintervjeni.

32.3.4 Bollards tal-Pjazza

Il-bollards li jinsabu quddiem St Mary's Pharmacy iridu jitressqu lura b'żewġ piedi. Is-Sindku nnota li hemm ħafna bollards qed jinkisru u għaldaqstant iddikjara li, jekk jerġgħu jinkisru wara li jitressqu lura, ma jerġgħux jitpoġġew.

32.3.5 Dawl fi Triq Sir Temi Żammit u Triq Dawret il-Wied

Is- Segretarju Eżekuttiv preżenta rikjest għal dwal fit- toroq fis- suġġett. Il-Minority Leader stqarr li fi Triq Sir Temi Żammit hemm bżonn jinstabu l-karti oriġinali li ġew iffirmati mill-applikanti għat-tneħħija tal-arbli, minħabba li qabel kien hemm dwal f'dik it-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-uffiċċju ser jagħmel ir-riċerki meħtieġa.

32.3.6 DLG – Direttur Claire Bugeja

Is-Sindku qara n-notifika tad-Direttur Claire Bugeja, li biha ġie informat li erba' kunsilli ntgħażlu għal awditjar ta' kif joħorġu t-tenders bejn Novembru u Diċembru 2026. Il-Kunsill ta' Mosta huwa wieħed minnhom, u għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv ser jikkomunika mad-DLG sabiex tiġi organizzata l-ewwel laqgħa.

32.3.7 Soċjetà Filarmonika Santa Marija Mosta – Rikjesta għal Għajnuna

Is-Sindku qara talba mingħand is-Sur Martin Chetcuti. L-attività, u d-diversi proposti li jirrigwardaw is- saħħa mentali huma proposti għal Frar 2028 u qed jintalab l-approvazzjoni tal-Kunsill, bil-logo tal-Kunsill.

32.3.8 Talba tal-MTA għall-Milied 2026

L-iskema Christmas Village ġiet approvata għal Pjazza Torri u Triq Kurat Calleja b’ somma ta’ €8000. Il-palk ser ikun fi Triq it-Torri, fit-triq li twassal għall-oratorju tal-bniet. It-triq ser tingħalaq għal jumejn għar-residenti, minn meta tispiċċa l-iskola nhar il-Ġimgħa waranofsinhar, biex ma jinħoloqx kaos żejjed fiż-żona.

Peress li min għandu garaxx u jrid jipparkja ma jkunx jista' jaċċessa l-garaxx tiegħu, il-Kunsill jixtieq jipproponi li dawn ir-residenti jkunu jistgħu jipparkjaw fuq double yellow line fuq il-bankina ta' ħdejn l-iskola pero dan għad irid ikun konfermat.

32.3.9 Fondi Kulturali 2025 – Reġjun Tramuntana

Inħolqot skema u mod organizzat kif l-għaqdiet jistgħu japplikaw għal-fondi. Kull għaqda tista' tagħmel proġett sa €3,000 jew 50% tal-prezz tal-proġett, jistgħu jsiru applikazzjonijiet konġunti bejn għaqdiet, u l-iskema tagħlaq fl-aħħar ta' Ġunju 2027. Id-dettalji preċiżi jinsabu fl-applikazzjoni. L-iskema tinkludi wkoll metodi dwar kif isir il-procurement, bl-istess rekwiżiti tal-Kunsill. L-applikazzjonijiet isiru fuq bażi ta' *first come, first served.* Hemm rekwiżti ukoll fuq ir-rekwiżti t’ eliġibblita bħal li jkunu reġistrati u *compliant* mal- OCVO.

Il-Viċi Sindku Keith Cassar ippropona li jkun jista' jkun hemm diversi proġetti, imma bl-istess limitu (capping). Il-Kunsillieri qablu.

Meta jitlesta l-proġett issir presentazzjoni ta' final report. 50% tal-fondi joħorġu malli tiġi approvata l-applikazzjoni, u 50% oħra joħorġu wara s-sottomissjoni tad-dokumenti kollha. L-applikazzjoni nnifisha ntweriet lill-Kunsillieri.

Il-kumitat huwa kompost minn tliet persuni: is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Bonnici.

Kien hemm qbil ma dan propost nem. con.

32.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

32.4.1 Kunsillier Aiken Zerafa – Claims report

Kien hemm tliet claims ta' Malcolm Buttigieg li ser jgħaddu approvati, iżda l-Kunsill ser jibgħat invoice lil Koptasin.

- Claim 2025-07: mhux approvat.
- Claim 2026-01: mhux approvat, minħabba li r-rapport wasal tard għand il-Pulizija u r-rapport deher dgħajjef.

32.4.2 Kunsillier Michaela Ann Bayliss – Aġġornament mal-Lands

Il-Lands talbu lill-Kunsill jaraw fejn trid tiġi delineata ż-żona inkluża għall-masterplan.

32.4.3 Kunsillier Charles Schembri – Attività tal-anzjani tal-Milied

Il-Kunsillier Schembri talab żieda fil-baġit b'madwar €300 għal- attivita tal-anzjani tal-Milied. Il-Kunsillieri approvaw nem. con.

32.4.4 Kunsillier Danny Farrugia – Bike rack

Il-Kunsillier Farrugia staqsa jekk il-bike rack tal-Ġnien Freddie Micallef tistax titmexxa. Is-Sindku nforma li tista titressaq f' post aktar adegwat.

32.4.5 Kunsillier Maria Pia Bonnici – Attivitajiet tal-Halloween u tal-Milied

Il-Kunsillier Bonniċi nformat illi applikaw 130 tifel u tifla għall-attività tal-Halloween li qed torganizza l-Kunsillier Bonnici. Ġew approvati €250.

Party tat-tfal tal-Milied – Kunsillieri involuti: Maria Pia Bonnici, Chantelle Portelli u Michaela Ann Bayliss.

Saret talba għal permess biex jitħaddem xi proġetti għal- attivitajiet ta' tfal fiż-żoni għall-2027, bejn Mejju u Ġunju, b' kunċett ta' slow streets. Il-proġett ser jitħaddem mal-Kunsillier Thomas De Martino.

Fit-8:45 p.m. is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li kien fadal kwarta sa tmiem il-ħin stabbilit għall-laqgħa.

32.4.6 Kunsillier Chris Grech – Pots tal-pjazza

Il- Kunsillier Grech Informa illi Il-pots tal-pjazza mietu, u s-Sindku informa lill-Kunsillieri li l-ġardinar ser ibiddilhom.

Il- Kunsillier Grech ta l-opportunità lill-membri tal-Każin Santa Marija, li kienu preżenti bħala parti mill-udjenza pubblika, sabiex jippreżentaw il-proposta tagħhom lill-Kunsill.

Ir-rappreżentanti tal-Għaqda pproponew l-installazzjoni ta' struttura dekorattiva f'forma konika, simili għal siġra tal-Milied, b'għoli ta' madwar 10 metri u wisa' ta' 6 metri. L-Għaqda talbet ukoll li jintlaħaq ftehim mal-Kunsill għal perjodu ta' għaxar snin.

Matul id-diskussjoni, il-Kunsilliera esprimew ċertu tħassib fid-dawl tal-fatt li diġà tiġi armata siġra tal-Milied fil-Pjazza. Madankollu, irrikonoxxew il-potenzjal tal-proposta bħala attrazzjoni addizzjonali għall-viżitaturi matul il-perjodu tal-Milied.

Fid-dawl tal-fatt li fl-inħawi ta' quddiem l-Arċipriet jiġi armat ukoll il-vann tal-presepju, intlaħaq qbil sabiex il- wisa' tal-istruttura proposta titnaqqas għal 5 metri.

Wara d-diskussjoni, il-Kunsill qabel fil-prinċipju mal-proposta, bil-kundizzjoni li l-ftehim ikun għal perjodu ta' tliet snin, minflok l-għaxar snin mitluba, u jkun suġġett għall-kundizzjonijiet standard applikabbli għal ftehimiet simili ma' għaqdiet oħra.

Fid-9:00 p.m. il-laqgħa ġiet imġedda għal nofs siegħa oħra, sad-9:30 p.m.

32.5 Rapporti

32.5.2 Kuntratt tal-Garaxx – Triq Kurat Schembri

Is-Sindku qara l-ittra dwar ir-renta tad-daycare centre u tal-garaxx fi Triq Kurat Schembri. Dan il-kuntratt ilu skadut, u l-Kunsillieri qablu li jsiru riċerki dwar il-kuntratt sabiex jiġi vverifikat l-istatus tiegħu u jekk hemmx bżonn joħroġ tender ġdid. Aġġornament jingħata fil- laqgħa li jmiss.

32.5.3 Public Convenience

Is-Sindku semma li hemm bżonn jerġa' jsir il-plumbing u jsir xogħol sħiħ mill-qiegħ tat-toilet tal-pjazza. Il-Kunsillieri qablu li jkun hemm tender u li jinġabru stimi tal-prezzijiet sabiex jinbeda l-proċess.

32.5.4 Sistema Online tal-Bulky Refuse u l-Ilmenti

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsillieri li kien qed ifittex sistemi ta' online permits u bulky refuse booking, sabiex jitnaqqsu t-telefonati u jitjiebu s-servizzi. Il-Kunsillieri qablu li jaraw il-prezz ta' sistema bħal din. Is-Segretarju Eżekuttiv ser iżomm lill-Kunsillieri aġġornati.

32.5.5 Proposta ta' Rranġar tar-Reception tal-Kunsill

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsillieri li hemm bżonn rranġar tar-reception tal-Kunsill, fejn ikun hemm counters disability-friendly, żebgħa ġdida, suffitt ġdid, kif ukoll bankijiet u

siġġijiet. Apparti dan, is-Segretarju Eżekuttiv esprima x-xewqa li l-istaff ikollhom uniformi, għaliex hija aktar professjonali. Il-Kunsillieri qablu li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jiġbor il-prezzijiet sabiex jiġi stabbilit l-aħjar mod kif jiġi pproċedut.

32.5.6 Website tal-Kunsill

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsillieri dwar it-talba tal-Kunsillier Zerafa jekk hemmx bżonn isir website ieħor tal-Kunsill. Il-Kunsillieri preżenti qalu li meta kien hemm il-website antik li kien f'idejn il-Kunsill, dan ma kien jiġi aġġornat qatt, u li għandu jsir website ieħor biss jekk ikun fattibbli finanzjarjament u ma jiswiex ħafna flus.

32.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

32.6.1 Skeda tal-Pagamenti

Skeda tal-Pagamenti Nru. 176 ġiet approvata nem. con.

32.6.2 Purchase Orders

Il- lista ta' Purchase Orders preżentata kienet approvata nem. con.

32.6.3 Works Orders

Il- lista ta' Works Orders preżentata kienet approvata nem. con.

32.6.4 Petty Cash

Il- lista ta' Petty Cash preżentata kienet approvata nem. con.

32.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fid-9:27 p.m. Ġie maqbul li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill, jiġifieri Laqgħa Nru. 33, ssir nhar it-Tlieta, 10 ta' Novembru 2026, fis-6:00 p.m.

Joseph Gatt
Sindku

Jeremy Bartolo
Segretarju Eżekuttiv